MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Appell Civili Numru. 565/2010/1

**HSBC Bank Malta plc (C 3177)**

**v.**

**Crown Hotels Limited (C 22101)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' HSBC Bank Malta plc li jghid hekk:

"Illi l-Bank esponent huwa kreditur tas-socjeta` Crown Hotels Limited fl-ammont ta' €7,660,559.94 cioe` €3,498,400 debitu proprju u kif ukoll l-ammonti ta' €3,537,251.25 u €624,908.69 bhala garanti ta' Sovereign Hotels Limited oltre imghaxijiet relattivi.

"Illi fil-bejgh bl-irkant fuq imsemmi mizmum taht l-Awtorita` ta' din l-Onorabbli Qorti tas-26 ta' Novembru 2009 l-esponent xtara 'animo compensandi' il-fond subastandi ghall-prezz ta' mitejn u hamsin elf Euro (€250,000).

"Illi permezz ta' rikors datat 14 ta' Dicembru 2009 l-esponent talba lil din l-Onorabbli Qorti tapprova l-kompensazzjoni maghmula bic-cedola pprezentata kontestwalment ma' dan l-istess rikors tal-istess data.

"Illi l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jippretendi illi l-kreditu tieghu jippregradwa dak tal-Bank esponent, (u dan allavolja huwa qatt ma rregistra privilegg specjali fuq il-proprjeta` subastandi, privilegg specjali li kellu l-jedd

jirregistra fi zmien xahrejn ai termini tal-Artikolu 2029 tal-Kodici Civili) ghaldaqstant oppona t-talba tal-Bank biex tkun approvata l-kompensazzjoni mitluba.

“Illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni wkoll oppona ghalkemm tardivament ghal approvazzjoni tal-kompensazzjoni u pprezenta dokument ta’ Novazzjoni tal-kreditu privileggjat tieghu bla ebda riserva tal-privilegg.

“Illi tali oppozizzjoni waslet ghal cahda tar-rikors tal-approvazzjoni ta’ Cedola ta’ kompensazzjoni bir-rizultat illi illum il-Bank ghandu f’idejh proprjeta` li giet stmata €4,425,000 u ghalkemm tenut bil-ligi senjatament l-Kap. 371 tal-Ligijiet ta’ Malta, li joffriha ghal bejgh mill-gdid fi zmien sena, huwa mhuwiex f’posizzjoni li jaghmel dan qabel ma jigi revokat ‘contrario imperio’ id-digriet taghha tad-9 ta’ Marzu 2010 in vista tal-garanzija bankarja depozitata kontestwalment, u jinghata d-digriet opportun u sussegwentement il-proprjeta` tigi insinwata f’ismu.

“Illi fil-frattemp il-proprjeta` mhollija abbandunata tul il-litigju ta’ konkors ser issofri deprezzament qawwi.

“Illi din l-Onorabbli Qorti tista’ tapprova t-tpacija jew bla provizjoni ta’ garanzija, jew jekk jidhrilha hekk opportun billi ai termini tal-Artikolu 338(4) tal-Kodici Civili, tiddekrata li trid tinghata garanzija biex jigu koperti l-pretensjonijiet ta’ dawk kollha li opponew l-istess tpacija.

“Illi ghal dan il-ghan qeghda tigi pprezentata kontestwalment ma’ dan ir-rikors cedola li permezz taghha qeghda tigi ddepozitata garanzija bankarja favur il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni z-zewg krredituri li opponew it-tpacija tal-kreditu tal-Bank, li tkopri l-ammont tac-Cedola ta’ Kompensazzjoni u dan biex din taghmel tajjeb ghall-pretensjonijiet tieghu, minghajr pregudizzju ghal kull kontestazzjoni li Bank gab jew ghad jista’ jgib dwar l-pregradwazzjoni o meno tal-kreditu tal-istess Kummissarju.

“Ghaldaqstant is-socjeta` esponenti, in vista tal-garanzija bankarja pprezentata kontestwalment ma’ dan ir-rikors u in vista tal-provvedimenti tal-Artikolu 338(4) tal-Kodici Civili, umilment titlob illi din l-Onorabbli Qorti

joghgobha fl-ewwel lok tiddekreta illi l-garanzija tal-Bank favur il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija sufficjenti ai termini tal-Artikolu 338(4) sabiex hi tapprova l-kompensazzjoni maghmula permezz tac-cedola prezentata fl-14 ta' Dicembru 2009, taht il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni."

Rat id-digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Marzu 2011, fis-sens li gej:

"1. Dan il-provvediment huwa dwar talba għall-approvazzjoni ta' garanzija fil-każ illi l-qorti tapprova talba għal tpaċija bil-kondizzjoni ta' garanzija taħt l-art. 338(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili wara liberazzjoni ta' proprjetà mibjugħa *sub hasta*.

"2. Il-proprjetà ġiet liberata favur il-kreditriċi *HSBC Bank Malta p.l.c.* li għamlet offerta *animo compensandi*, iżda saret oppożizzjoni minn kredituri oħra għat-talba tal-kreditriċi għall-approvazzjoni tat-tpaċija. *HSBC Bank Malta p.l.c.* talbet illi, jekk it-tpaċija tiġi approvata bil-kondizzjoni tal-garanzija kif igħid l-art. 338(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tiġi aċċettata l-garanzija minnha ippreżentata b'ċedola tat-18 ta' Marzu 2010.

"3. Il-garanzija saret minn *HSBC Bank Malta p.l.c.* stess lir-Reġistratur tal-Qrati u tgħid illi "*We* [*i.e. HSBC Bank Malta p.l.c.*] *hereby guarantee the payment to you on demand of a maximum sum of two hundred and fifty thousand euro (€250,000) which may be declared by the Courts of Malta as being due to Creditors of Crown Hotels Limited who have registered opposition to the animo compensandi bid made by HSBC Bank Malta p.l.c. … … …*".

"4. L-art. 1925 tal-Kodiċi Ċivili dwar x'inhija l-garanzija jgħid illi "l-garanzija hija kuntratt li bih wieħed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjoni ta' wieħed ieħor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu". Bil-garanzija li qiegħda toffri llum *HSBC Bank Malta p.l.c.* ma tintrabatx li tagħmel tajjeb għall-obbligazzjoni "ta' wieħed ieħor", iżda għall-obbligazzjoni tagħha stess.

"5. Huwa wisq ovvju għalhekk illi l-garanzija ma tiswiex, għax jonqos element essenzjali.

"6. Għal din ir-raġuni l-qorti tiċħad it-talba għall-approvazzjoni tal-garanzija."

Rat id-digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Novembru 2011, li in forza tieghu giet milqugha talba ta' HSBC Bank Malta plc ghal ftuh ta' konkors ta' kredituri u filwaqt li gie ordnat il-ftuh tal-proceduri tal-konkors tal-kredituri, gie ordnat li jinhargu l-avvizi a tenur tal-Artikolu 416(1) Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u jsiru n-notifiki necessarji;

Rat illi in segwitu ta' dawn l-avvizi u n-notifiki relattivi, gew prezentati erba' rikorsi minn erba' kredituri u cioe`:

i. **HSBC Bank Malta plc** – ghal €3,372,826.59 kapital u €1,553,461.38 imghax sat-30 ta' Dicembru 2011, garantit b'noti ta' iskrizzjoni ipotekarji numri 12591/1999, 12592/1999, 12593/1999 u 13452/2004. Iskrizzjonijiet li jirreferu ghall-ipoteki generali u ipoteka specjali.

ii. **Direttur Generali (Taxxa)** – fir-rigward ta' taxxa (€74,994), bolla (€292,756.25), taxxa addizzjonali (€45,055) u bolla addizzjonali (€221,950.47) ghas-somma komplessiva ta' €634,755.72 ghall-perjodu 2002 sa 2011 inkluzi.

iii. **Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)** – Direttur Generali tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, fir-rigward ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud (€51,841.69), penali (€4,545.71) u imghax (€11,272.28).

iv. **Simonds Farsons Cisk plc** – fl-ammont ta' tmint elef, mitejn u seba' Euro u dsatax-il centezmu (€8,207.19) [fol. 58B]. Kulma pprezentat hu *statement of account*, u l-ebda rapprezentant tal-kumpanija ma kkonferma bil-gurament il-kreditu pretiz.

Rat ir-rikors ipprezentat mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) li jghid hekk:

"Illi l-esponenti hu kreditur ta' Ronald Azzopardi K.I. 700661 M proprio et nomine [Crown Hotels Limited] fl-ammont ta' hamsin elf, mitejn u sebgha u sebghin Euro u tnax-il centezmu [€50,277.12] ammonti dovuti bhala taxxa fuq il-valur mizjud, kif jirrizulta mill-annessa ittra ufficjali Dok 'A' innotifikata lid-debitur;

"Illi l-esponenti jgawdi minn privilegg specjali ghall-ammont lilu dovut;

"Illi recentement l-esponenti sar jaf bil-ftuh tal-konkors tal-kredituri fl-ismijiet premessi mill-gazzetti tas-6 ta' Dicembru 2011;

"Illi l-esponenti jixtieq jikkonkorri fil-konkors *de quo*;

"Ghaldaqstant jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tammettih fil-lista tal-kredituri taht dawk il-provvedimenti opportuni illi joghgobha tordna."

Rat ir-rikorsipprezentat mid-Direttur Generali (Taxxa) li jghid hekk:

"Illi l-esponenti hu kreditur ta' Ronald Azzopardi K.I 700661 M proprio et nomine [Crown Hotels Limited] fl-ammont ta' tliet mija u disgha u tletin elf, mija u hamsa u disghin Euro u tlieta u sebghin centezmu [€339,195.73] ammonti dovuti bhala taxxa u bhala Sigurta` Socjali, kif jirrizulta mill-annessi ittri ufficjali Dok 'A' u Dok 'B' innotifikati lid-debitur;

"Illi l-esponenti jgawdi minn privilegg specjali ghall-ammonti lilu dovuti;

"Illi recentement l-esponent sar jaf bil-ftuh tal-konkors tal-kredituri fl-ismijiet premessi mill-gazzetti tas-6 ta' Dicembru 2011;

"Illi l-esponenti jixtieq jikkonkorri fil-konkors *de quo*;

"Ghaldaqstant jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tammettih fil-lista tal-kredituri taht dawk il-provvedimenti opportuni illi joghgobha tordna."

Rat ir-rikors ipprezentat mill-HSBC Bank Malta plc li jghid hekk:

"Illi l-esponenti hija kreditrici tas-Socjeta` Crown Hotels Limited fl-ammont ta' tliet miljun, tlett mija u tnejn u sebghin elf, tmien mija u sitta u ghoxrin Euro u disgha u hamsin centezmi (€3,372,826.59) rapprezentanti kapital u miljun, hames mija u tlieta u hamsin elf, erba' mija u wiehed u sittin Euro u tmienja u tletin centezmi (€1,553,461.38) rapprezentanti mghaxijiet mahduma b'imghax semplici sat-30 ta' Dicembru 2011 oltre imghaxijiet legali sad-data tal-hlas effettiv dovuti fuq self moghti mill-bank skont prospett hawn anness u mmarkat Dok HSBC 1;

"Illi l-kreditu tal-bank rikorrenti jippregradwa dak tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u dak tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u ta' kull kreditur iehor;

“Illi l-kreditu li s-socjeta` esponenti HSBC Bank Malta plc ghandha jippregradwa kif provenjenti mis-segwenti ipoteki u cioe`:

“ – Nota ta’ Iskrizzjoni ipotekarja bin-numru wiehed, tnejn, hamsa, disgha, wiehed tas-sena elf disgha mija u disgha u disghin (I 12591/1999) ghall-ammont ta’ zewg miljuni, hames mija u tnejn u sittin elf, tliet mija u ghaxar Euro u erbgha u sebghin centezmi (€2,562,310.74) (Dok HSBC 2).

“ – Nota ta’ Iskrizzjoni numru wiehed, tnejn, hamsa, disgha, tnejn tas-sena elf, disgha mija u disgha u disghin (I 12592/1999) ghall-ammont ta’ sitt mija u tmienja u disghin elf, tmien mija u tnax-il Euro (€698,812) (Dok HSBC 3).

“ – Nota ta’ Iskrizzjoni numru wiehed, tnejn, hamsa, disgha, tlieta tas-sena elf disgha mija u disgha u disghin (I 12593/1999) ghall-ammont ta’ erba’ mija u hamsa u sittin elf, tmien mija u erba’ u sebghin Euro u tmienja u sittin centezmi (€465,874.68) (Dok HSBC 4).

“Dawn in-noti gew surrogati favur l-HSBC Bank Malta plc b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo tal-25 ta’ Gunju 2004.

“ – Nota tal-Iskrizzjoni numru wiehed, tlieta, erbgha, hamsa tnejn tas-sena elfejn u erbgha (I 13452/2004) ghall-ammont ta’ tliet miljuni, erba’ mija u sebghin elf, seba’ mija u sitta u sittin Euro u sitta u tletin centezmi (€3,470,766.36) (Dok HSBC 5).

“Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti li tinkludieha fil-lista tal-kredituri u li tippregradwa l-kreditu tal-Bank esponenti qabel il-krediti l-ohra mertu tal-proceduri odjerni taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Settembru 2013, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi ddikjarat li l-gradwazzjoni li ghandha tirrizulta f'dan il-kaz tkun is-segwenti:

> "… … billi tikkonferma fir-rigward tas-somma ta' €250,000 depozitata permezz tac-cedola ta' depozitu 428/11 prezentata fis-6 ta' April 2011 (fol. 51), il-pregradwazzjoni ghandha ssir b'dan il-mod:
>
> "<u>L-Ewwel Grad</u> – Direttur Generali (Taxxa) ghat-taxxa u kontribuzzjoni ta' sigurta socjali fis-somma ta' tlett mija u wiehed u ghoxrin elf u mitt ewro (€321,100) ghas-snin 2002 sa 2009, bl-imghax.
>
> "<u>It-Tieni Grad</u> – Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) ghas-somma ta' taxxa ta' wiehed u hamsin elf tmien mija u wiehed u erbghin ewro u disa' u sittin centezmu (€51,841.69) bhala taxxa u bl-imghax ghall-perjodu mil-1 ta' Gunju 2006 sal-1 ta' Settembru 2011.
>
> "<u>It-Tielet Grad</u> – HSBC Bank Malta plc
>
> "<u>Raba' Grad</u> – Simonds Farsons Cisk plc.
>
> "Kull parti taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Il-kontestazzjoni hi dwar aspetti ta' natura legali. F'dan ir-rigward il-qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni li tat fil-konkors ta' kredituri deciz fis-16 ta'

Novembru 2012 (numru 628/2010) u bhalissa pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. Il-qorti ser tirriproduci dak li qalet dwar is-segwenti materji:-

"i. Ghal finijiet ta' pregradwazzjoni hu mehtieg li jigi iskritt il-privilegg specjali fuq l-immobbli mid-Direttur Generali (Taxxi) u Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud), sabiex ikollu effett?

"ii. Fl-affermattiv, x'inhi l-konsegwenza tan-nuqqas ta' iskrizjoni tal-privilegg specjali fir-rigward tal-konkorrenti Direttur Generali (Taxxa) u Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud)?

*""Skond l-Artikolu 62 tal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud:-*

*"62. Il-Kummissarju ikollu privilegg specjali fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attività ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taht dan l-Att u t-taxxa msemmija ghandha tithallas, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi ligi ohra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor, hlief dejn li jkollu privilegg generali u dejn imsemmi fl-artikolu 2009(a) jew(b) tal-Kodici Civili.".*

*"Skond l-Artikolu 2000 tal-Kodici Civili, privileggi jistghu ikunu fuq hwejjeg mobbli u immobbli. Privileggi huma maqsumin f'generali u specjali. Il-privileggi specjali jolqtu "biss xi hwejjeg mobbli jew immobbli partikolari." (Artikolu 2001). Fil-kaz ta' taxxa dovuta skond il-Kap. 406, il-privilegg specjali hu moghti "fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita' ekonomika ta persuna.". Bis-sahha ta' dan il-provvediment* (Art. 62 tal-Kap. 406) *fejn hemm dan il-privilegg specjali, it-taxxa ghandha tithallas qabel dejn li jkollu privilegg iehor, hlief ghal dak id-dejn li ghandu privilegg generali u dejn li jissemma fil-provvediment 2009(a) u (b) tal-Kodici Civili.*

*"M'hemmx kontestazzjoni li d-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud ma hax hsieb li jiskrivi, fir-Registru Pubbliku, il-privilegg specjali fir-rigward tal-immobbli li kienu oggett tal-bejgh tal-irkant numru 127/2007. Ghalkemm il-Kap. 406 jaghti preferenza, fis-sens li t-taxxa ghandha tithallas qabel kull dejn iehor li ghandu privilegg, madankollu fir-rigward ta' immobbli tali privilegg irid jigi iskritt biex ikun jista' jippregradwa. Permezz tal-Artikolu 62 id-Direttur Generali tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud inghata:-*

*"i. Privilegg Specjali.*

*"ii. Ghal finijiet ta' hlas il-privilegg specjali jaghti lid-Direttur Generali jedd ta' preferenza fuq kredituri ohra irrispettivamenti ta' privileggi li jista' ghandhom, bl-eccezzjoni ta' dawk li jissemmew espressament fl-istess provvediment. Hu f'dan il-kuntest li ghandu jigi interpretat il-kliem "bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor". Hu bis-sahha ta' tali privilegg specjali li d-Direttur Generali ghandu jgawdi minn jedd ta' preferenza. Wiehed irid jiftakar li skond l-Artikolu 1999 tal-Kodici Civili: "Il-privilegg huwa jedd ta' preferenza illi x-xorta tal-kreditu taghti lill- kreditur fuq kredituri l-ohra, ukoll jekk ikunu kredituri ipotekarji.".*

*"L-Artikolu 2029 tal-Kodici Civili jipprovdi:-*

*"""Il-privileggi specjali fuq l-immobbli m'ghandhomx effett jekk ma jigux imnizzlin fir-Registru Pubbliku fiz- zmien xahrejn.".*

*"Din il-qorti ma taqbilx mat-tezi li ghal finijiet tal-Artikolu 62 tal-Kap. 406, l-Artikolu 2029 tal-Kodici Civili ma japplikax. Il-kliem "minkejja kull ma jista' jinsab f'xi ligi ohra" ma jiddispensax lid-Direttur Generali tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud mill-htiega li fir-rigward tal-immobbli jnizzel fir-Registru Pubbliku l-privilegg specjali li taghtih il-ligi. Il-preferenza ghall-hlas hi bis-sahha tal-privilegg specjali. Preferenza ghal finijiet ta' pregradwazzjoni. Fil-fehma ta' din il-qorti dawk il-kliem qeghdin sempliciment jipprovdu li l-hlas ta' taxxa ghandu jsir bi preferenza ta' dejn iehor privileggat, hu x'inhu, cjoe' ghal finijiet ta' pregradwazzjoni. Pero il-kreditu jippregradwa bis-sahha tal-privilegg specjali, li f'kaz ta' immobbli jrid jitnizzel fir-Registru. Il-preferenza tinghata bis-sahha ta' privileggi jew ipoteki.*

*"Hu l-Kap. 406 stess li jirrikonoxxi l-htiega ta' iskrizzjoni in kwantu fl-Artikolu 59(2) jinghad li:-*

*"""Il-Kummissarju jkollu dritt li jirregistra fir-registru pubbliku jew fir-registru ta' l-artijiet, skond il-kaz, nota ta' privilegg ghall-ammont mitlub fl-att gudizzjarju u dik in-nota ta' privilegg tista' tigi registrata minn kull avukat jew nutar.".*

*"Il-logika tghidlek li l-Artikolu 59(2) ma kienx jigi nkluz jekk ma kienx hemm htiega ta' iskrizzjoni tal-privilegg specjali kontemplat fl-Artikolu 62 tal-Kap. 406. Ovvjament l-iskrizzjoni fir-Registru Pubbliku u Registru tal-Artijiet hi mehtiega fil-kaz ta' immobbli biss. Il-qorti ma tista' tara l-ebda raguni ohra ghal dan il-provvediment.*

*"Minghajr l-iskrizzjoni fir-Registru Pubbliku, il-privilegg specjali fuq l-immobbli m'ghandux effett.*

*"Madankollu l-privilegg specjali li jgawdi minnu d-Direttur Generali tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud m'huwiex limitat fuq l-immobbli ta' Crown Hotels Limited. Fl-attiv hemm inkluz ukoll mobbli. Privilegg specjali fuq mobbli m'hemmx ghalfejn jitnizzel fir-Registru Pubbliku (ara Artikolu 2032 tal-Kodici Civili). Il-flus mill-bejgh bl-irkant li sar fit-8 ta' April 2010 huma parti mill-attiv ta' Crown Hotels Limited, u li fuqu bis-sahha tal-Artikolu 62 id-Direttur Generali tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud igawdi privilegg specjali.*

*"Dwar il-kreditu xehed Martin Buttigieg, mill-ufficcju tad- Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud li kkonferma li l-hlas ta' taxxa dovut hu ta' €51,841.69. Ma saret l-ebda kontestazzjoni dwar dan.*

*"Skond l-Artikolu 420(2) tal-Kap. 12:-*

> *"""Fis-smigh tal-kawza, il-konkorrenti jigu mismugha mill-qorti sew biex jippruvaw il-kreditu taghhom u r-raguni li ghaliha dan il-kreditu ghandu jithallas qabel krediti ohra jew bi preferenza fuqhom, kemm ukoll biex jikkontestaw it- talbiet tal-konkorrenti l-ohra, u dwar kull haga li tkun mehtiega sabiex il-kompilazzjoni tal-kawza tkun kompluta minn kollox. Jigu mismughin ukoll id-debitur, id-depozitant u kull persuna interessata ohra li tkun dehret fil-kawza.".*

*"Ma saret l-ebda sottomissjoni li tista' twassal lill-qorti biex tikkonkludi li l-ammont reklamat m'huwiex dovut. Ghal finijiet ta' konkors pero il-penali mhux ser jitqiesu, in kwantu l-privilegg hu moghti fuq it-taxxa li fl-Att hi mfissra bhal:-*

> *""taxxa" tfisser it-taxxa fuq il-valur mizjud li ghandha tithallas skond dan l-Att izda ma tinkludix penali amministrattiv jew mghax."*

*"Min-naha l-ohra fir-rigward tal-imghax fuq it-taxxa, japplika l-Artikolu 2095 tal-Kodici Civili li jipprovdi:*

*""Fl-istess grad li fih ikun imqiegħed kreditu, jitqiegħdu l-imgħaxijiet ta' dak il-kreditu, l-ispejjez ta' l-iskrizzjoni u l-ispejjez magħmulin................".*

"Il-htiega li ssir l-iskrizzjoni tal-privilegg specjali li jissemma fl-Artikolu 62 giet ikkonfermata wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-**Konkors tal-Kredituri ta' Carmelo Gauci Limited** (53/2006/1) fis-sentenza tas-27 ta' Frar 2009:-

*""Fin-nuqqas ta' tali registrazzjoni, magħmula kif trid il-ligi, ma jistax jingħad li l-privilegg specjali jolqot xi proprjeta' immobbli. Fis-sistema legali tagħna, ma hux koncepit privilegg specjali fuq immobbli mhux registrat, aktar u aktar meta tqies li skond il-ligi, il-privileggi specjali fuq l-immobbli huma, f'kull kaz, muniti bid-diritto di seguito".*

"Madankollu l-qorti kkonkludiet li b'applikazzjoni tal-Artkolu 62 id-Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) xorta kellu d-dritt li jithallas qabel kredituri ohra:-

*""Din il-Qorti ma taqbilx mal-partijiet minnha sottolineati, peress li l-ligi ma tgħidx li l-privilegg specjali jiggradwa bi preferenza, izda li "t-taxxa msemmija għandha tithallas" bi preferenza, u lanqas ma tassoggetta l-preferenza tal-hlas għad-determinazzjoni illi l-kreditu huwa munit bi privilegg specjali….. Għalkemm il-privilegg ma jistax jissussisti mingħajr il-kreditu, il-kreditu jista' jissussisti independentement mill-privilegg. F'dan il-kuntest dan ifisser illi n-nuqqas tal-Kummissarju tal-VAT li jirregistra l-privilegg ma jestingwix il-kreditu, u skond l-Artikolu 62, dan il-kreditu għandu jithallas 'bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor'".*

"Din il-qorti hi tal-fehma li l-jedd tal-Gvern li jithallas qabel kredituri ohra hu bis-sahha tal-privilegg specjali li tatih il-ligi. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li:-

"i) Il-kliem *"bi preferenza fuq dejn li jkollu xi **<u>privilegg iehor</u>**"* (enfazi tal-qorti) fl-Artikolu 62 tal-Kap. 406, jagħtuha x'tifhem li l-pregradwazzjoni li jgawdi minnha l-Gvern hi bis-sahha tal-privilegg specjali mogħti lilu bl-Artikolu 62. Il-kliem *"privilegg iehor"* b'enfazi fuq il-kelma ***"iehor"*** jsahhu l-fehma ta' din il-qorti li l-Gvern igawdi l-preferenza għall-hlas fuq 'il fatt li għandu privilegg specjali li jatih pregradwazzjoni fuq kredituri ohra billi fl-istess provvediment jingħad li

*""…. t-taxxa msemmija għandha tithallas, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi ligi ohra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor".*

“ii) L-Artikolu 62 tal-Kap. 406 jipprovdi:-

“a. Fl-ewwel lok jaghti privilegg specjali fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita ekonomika tal-persuna taxxabbli;

“b. Jedd ta’ preferenza fuq kredituri ohra bil-kliem:- *“… u* ***t-taxxa msemmija ghandha tithallas****, minkejja kull ma jista’ jinsab f’xi ligi ohra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor”*. Il-preferenza hi moghtija bis-sahha tal-privilegg li tistabilixxi l-ligi stess. Il-jeddijiet ta’ preferenza huma l-privileggi u ipoteki (ara Artikolu 1996 tal-Kodici Civili[1]).

“Min-naha tal-HSBC Bank Malta plc ma qabilx mar-ragunament li din il-qorti ghamlet fil-konkors ta’ kredituri (numru 628/2010) deciz fis-16 ta’ Novembru 2012, fir-rigward tal-konkluzjoni li r-rikavat mill-bejgh bl-irkant hu milqut mill-privilegg specjali stabbilit bl-Artikolu 62 tal-Kap. 406 minkejja li l-privilegg ma giex registrat. Fil-fatt fis-seduta tal-5 ta’ Marzu 2013 saret trattazzjoni dwar dan il-punt. Il-qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

“i. Hu veru li l-ligi ma tghidx espressament li flus huma mobbli, pero lanqas ma tghid li m’humiex. L-Artikolu 312 tal-Kodici Civili jipprovdi: *“Il-hwejjeg kollha, bil-hajja jew bla hajja, illi, minghajr ma titbiddel is-sustanza taghhom, jistghu jmorru wahidhom jew jingarru minn banda ghal ohra, huma mobbli minnhom infishom, ukoll jekk dawk il-hwejjeg ikunu jaghmlu flimkien kollezzjoni jew stock ta’ kummerc”*. Tant huma mobbli li fejn il-legislatur ried li ma jkunux ifissru mobbli, fl-Artikolu 317(2) tal-Kodici Civili pprovda li f’disposizzjoni tal-bniedem il-kelma mobbli ma tinkludix flus;

“ii. Fil-fehma tal-qorti ghalkemm f’konkors ta’ kreditur il-flus mill-bejgh ta’ immobbli qeghdin fir-realta’ jirraprezentaw l-immobbli li ma baqax fil-patrimonju tad-debitur, pero dan ‘il fatt wahdu ma jistax iservi biex jikkwalifikaw bhala immobbli.

“iii. Ir-riferenza ghall-Artikolu 311 tal-Kodici Civili ma tistax tghin it-tezi tal-bank. Dak il-provvediment jipprovdi li fil-kelma immobbli jidhlu l-immobbli infishom u *“kemm–il hwejjeg li jitqiesu bhala immobbli minhabba l-haga li ghandhom x’jaqsmu maghha”*. Fl-Artikolu 310 hemm elenkat liema huma l-immobbli *“minhabba l-haga li ghandhom x’jaqsmu maghha”*. Il-flus ma jissemmewx. Il-fatt li l-flus dahlu mill-bejgh ta’ immobbli, ma jfissirx li huma immobbli;

[1] *“Il-jeddijiet legittimi ta’ preferenza huma l-privileggi, l-ipoteki u l-beneficcju tal-firda tal-patrimonju”*.

“iv. Huwa minnu li r-rikavat tal-bejgh gie depozitat fil-qorti. Il-bejgh bl-irkant wassal sabiex il-lukanda Crown Hotel harget mill-patrimonju ta’ Crown Hotels Limited. Min-naha l-ohra r-rikavat dahal fil-patrimonju taghha tant li ser jintuza biex jithallsu l-kredituri taghha. Ghalkemm ir-rikavat ma jinsabx ghad-disposizzjoni ta’ Crown Hotels Limited, xorta huwa attiv li jifforma parti min-negozju taghha. Fil-fehma tal-qorti m’huwiex rilevanti jekk ir-rikavat ikunx fil-pussess tad-debitur jew ta’ terz;

“v. Ukoll jekk tqies li l-flus m’humiex ta’ Crown Hotels Limited peress li ghaddew fil-pussess tal-qorti u huma *res fungibiles* u jispiccaw bl-uzu, hemm xorta l-jedd ghall-valur tal-lukanda li nbieghet fl-irkant. Valur li fil-fehma tal-qorti jifforma parti mill-attiv tan-negozju ta’ Crown Hotels Limited u jikkwalifika bhala mobbli skond l-Artikolu 315(c) tal-Kodici Civili;

“vi. Il-bank isostni li jekk tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha din il-qorti fis-sentenza tas-16 ta’ Novembru 2012, hemm element ta’ kontrosens peress li filwaqt li l-ligi tipprovdi ghall-iskrizzjoni tal-privilegg, bir-ragunament tal-qorti d-Direttur Generali jista’ jibqa’ passiv u jirrejagixxi biss meta jigu depozitati flus il-qorti u xorta jippegradwa fuq kredituri ohra. Veru li bir-ragunament li ghamlet din il-qorti d-Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) jista’ ma jiskrivix il-privilegg, u xorta jirbah il-konkors. Madankollu:-

“(a) Jekk ma jiskrivix il-privilegg specjali fuq l-immobbli, f’kaz ta’ trasferiment ma jibbenefikax mid-*droit de suite* fuq l-immobbli. Dan ifisser li hu fl-interess tad-Direttur Generali li jiskrivi wkoll il-privilegg fuq l-immobbli li jifformaw parti mill-attiv;

(b) L-Artikolu 62 tal-Kap. 406 jipprovdi li l-privilegg hu moghti fuq *“l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita ekonomika ta’ persuna”*. Fl-attiv ta’ persuna taxxabbli jaf ikun hemm immobbli u mobbli. Ghalhekk hi l-ligi stess li taghti lid-Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) privilegg specjali fuq immobbli u wkoll mobbli;

“(c) Skond il-ligi l-iskrizzjoni ta’ privilegg hemm bzonnha biss fir-rigward ta’ immobbli (Artikolu 2029 u 2032 tal-Kodici Civili).

“Jidher ghalhekk li d-Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) ghandu privilegg fuq it-taxxa u l-imghax (Artikolu 2095 tal-Kodici Civili). Il-penali amministrattivi m’humiex inkluzi minhabba li l-Artikolu 2 tal-Kap. 406 jeskludihom espressament mid-definizzjoni ta’ “taxxa”.

“Waqt is-smiegh tal-konkors ma saret l-ebda kontestazzjoni dwar l-ammont li d-Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) qieghed jippretendi. Fir-rendikont li pprezenta fis-seduta tat-2 ta’ April 2012 mill-ufficjal tad-Dipartiment inghata rendikont ta’ dak li hu dovut ghas-snin 2006 sal-2011. Ghalkemm fir-rikors li pprezenta fl-20 ta’ Dicembru 2011 (fol. 61) ma

jissemmix il-kreditu tas-snin 2010 u 2011, il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn dawn ma jitqiesux meqjus li hu kreditu ghall-perjodu ta' qabel ma gie pprezentat ir-rikors kontemplat fl-Artikolu 416 tal-Kap. 12, u ma jidhirx li l-privilegg specjali kontemplat fl-Artikolu 62 japplika biss fir-rigward ta' dak l-ammont ta' Taxxa Fuq il-Valur Mizjud li jkun intalab permezz ta' avviz ta' hlas kontemplat fl-Artikolu 59(2) tal-Kap. 406. Ghalhekk l-ammont dovut hu ta' **€51,841.69 bhala taxxa u bl-imghax ghall-perjodu mil-1 ta' Gunju 2006 sal-1 ta' Settembru 2011**.

"Ghal dak li jikkoncerna l-kreditu tad-Direttur Generali tat-Taxxa, il-bank iddikjara:-

*""Rigward hlas ta' kontribuzzjonijiet ta' sigurta socjali u final settlement tax tal-impjegati, dawn huma muniti bi privilegg generali li ma jehtiegx registrazzjoni, izda li hu privileggat hu biss it-taxxa dovuta u mhux il-penalitajiet ghax il-ligi tispecifika li t-taxxa hija privileggata. Ara Artikolu 23 tal-Income Tax Management Act (Kap. 372) u Artikolu 116 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318)".*

"Fid-decizjoni tas-16 ta' Novembru 2012 din il-qorti osservat:

*""Fir-rigward tal-kreditu tad-Direttur Generali tat-Taxxi Interni, fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezenta fil-31 ta' Lulju 2012 ghamel riferenza ghall-Artikolu 116(3) tal-Kap. 318 li jipprovdi:-*

*""(3) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, it-talba tad-Direttur ghal xi ammont dovut bhala kontribuzzjoni tal-Ewwel Klassi jew tat-Tieni Klassi taht dan l-artikolu tikkostitwixxi talba privileggata, fil-kaz ta' kontribuzzjoni tal-Ewwel Klassi, fl-istess grad bhall-pagi ta' mpjegati fuq l-attiv tal-principal u, fil-kaz ta' kontribuzzjoni tat-Tieni Klassi, fuq l-assi tal-persuna li timpjega lilha nnifisha jew persuna li tahdem ghaliha nnifisha koncèrnata u ghandha tithallas bi preferenza fuq it-talbiet l-ohra kollha (minbarra l-pagi) sew jekk privileġġati jew ipotekarji.".*

*"Il-kontribuzzjoni hi kreditu privileggat fuq l-attiv tal-persuna li timpjega, li fil-kaz taghna hi Crown Hotels Limited. Privilegg li fil-fehma tal-qorti hu generali gialadarba, kuntrarjament ghal kaz tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, ma jinghadx espressament li hu privilegg specjali. Privilegg generali m'huwiex suggett ghall-*

*iskrizzjoni (Artikolu 2032 tal-Kodici Civili). Id-Direttur Generali tat-Taxxi Interni jippretendi hlas ta' €292,756.25 li jkopri s-snin 2002 sa 2011.*

*"Mill-atti jirrizulta li:-*

*"i. Permezz ta' ittra ufficjali prezentata fl-20 ta' April 2005 talab lil Crown Hotels Limited, fost'affarijiet ohra, biex thallas il-kontribuzzjoni ghas-snin 2002 u 2003.*

*"ii. Permezz ta' ittra ufficjali prezentata fis-17 ta' Novembru 2011 talab lil Crown Hotels Limited, fost'affarijiet ohra, biex thallas il-kontribuzzjoni ghas-snin 2004 sa 2009 inkluzi.*

*"Talbiet li jidher li saru ghal finijiet u effetti kollha tal- Artikolu 116 tal-Kap. 318. Ifisser li d-Direttur Generali tat-Taxxi Interni ghandu titolu ezekuttiv, in kwantu ma tressqet l-ebda prova li Crown Hotels Limited ikkontestat il-kreditu skond il-procedura kontemplata fl-imsemmi provvediment*." .

"Imbaghad l-Artikolu 23 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni ta' Taxxa jipprovdi (Kap. 372) jipprovdi:-

*""(11) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, l-avviz ta' talba mill-Kummissarju msemmi fis-subartikolu (7), li juri l-ammont li ghandu jithallas taht dan l-artikolu, jikkostitwixxi talba privileggata fuq l-assi ta' min ihaddem ta' grad minnufih wara l-pagi ta' l-impjegati u talbiet tad-Direttur tas-Sigurtà Socjali ghal ammonti li jkollhom jithallsu bjala kontribuzzjoni taht l-artikolu 116 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Socjali, u ghandha tithallas wara dawk il-pagi u talbiet izda bi preferenza ghall-pretensjonijiet l-ohra kollha sew privileggati jew ipotekarji.".*

"Il-bank isostni li l-ammonti li jirreferu ghas-snin 2010 u 2011 ma ghandhomx jigu kkunsidrati ghaliex dawn jirreferu ghall-perjodu *"[….] wara li l-proprjeta subbastata giet liberata favur l-akkwirent cioe wara s-26 ta' Novembru 2009 ghaliex il-privilegg irid jissussisti qabel il-bejgh u liberazzjoni tal-proprjeta u mhux wara"* (ara nota ta' sottomissjonijiet prezentata fl-1 ta' Ottubru 2012). Wara li l-qorti rat l-Artikolu 116 tal-Kap. 318 u l-Artikolu 23 tal-Kap. 372 hi tal-fehma li l-privilegg hu moghti fejn il-Gvern ikun ghamel talba ghall-hlas skond il-procedura kontemplata f'kull wahda minn dawn il-ligijiet. Fil-kaz ta' kontribuzzjoni ta' sigurta' socjali t-talba trid issir permezz ta' ittra ufficjali (Art. 166(2) tal-Kap. 318) filwaqt li fil-kaz ta' taxxa jrid jinghad Avviz ta' Nuqqas ta' ta' Tharis u wara Avviz ta' Talba ghall-hlas (Artikolu 23(7) tal-Kap. 372). Mill-

atti ma jirrizultax li t-talba tal-hlas saret fir-rigward tas-snin 2010 u 2011, ghallinqas ma tressqitx prova f'dan is-sens. Dwar is-snin l-ohra, 2002 sa 2009, m'hemmx kontestazzjoni u ghalhekk il-qorti ser tmexxi fuq ic-cifri dikjarati mid-Direttur Generali (Taxxa) fid-dokumenti relattivi.

"Ghalhekk l-ammont li hu privileggat:-

"i. Bhala taxxa, fl-ammont ta' €65,682 ghas-snin 2002-2009;

"ii. Bhala kontribuzzjoni tas-sigurta socjali, fl-ammont ta' €255,418;

**"Ghaldaqstant l-ammont komplessiv huwa ta' tlett mija u wiehed u ghoxrin elf u mitt ewro (€321,100) ghas-snin 2002 sal-2009 u bl-imghax**.

"Ghar-raguni li nghatat fid-decizjoni tas-16 ta' Novembru 2012, din il-qorti tikkonferma li fl-ewwel grad hemm id-Direttur Generali (Taxxa) ghal dak li jikkoncerna hlas ta' taxxa u kontribuzzjoni ta' sigurta' socjali. F'dan ir-rigward ser tillimita ruhha biex ticcita dik il-parti tas-sentenza li ttratat dan il-punt:-

*""Meqjus li l-qorti kkonkludiet li l-kreditu tad-Direttur Generali tat-Taxxi Interni ghandu privilegg generali u meqjus li l-Artikolu 62 tal-Kap. 406 jipprovdi li l-privilegg specjali li ghandu d-Direttur Generali tat-Taxxi Interni ma jatihx preferenza fir-rigward ta' dejn li jkollu privilegg generali, il-qorti hi tal-fehma li l-kreditu tad-Direttur Generali tat-Taxxi Interni jippregradwa l-kreditu tad- Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud."*

"Fl-ahharnett fin-nota ta' sottomissjonijiet il-bank ghamel punti generali li dwarhom il-qorti tosserva:

"i. Il-proceduri li l-bank ghamel riferenza ghalihom ma jidhirx li jistghu jigu ppregudikati b'din is-sentenza. Certament li f'kaz li l-bejgh bl-irkant jithassar, kollox jerga' jitqieghed ghas-sitwazzjoni li kienet qabel xtara l-bank. F'dak ix-xenarju min mill-kredituri jkun ircieva xi sehem mir-rikavat irid iroddu lura;

"Hu ovvju li hadd ma ghandu dritt jithallas iktar minn dak li hu dovut lilu. Pero' hi fl-ghazla tad-Direttur Genrali (Taxxa) jekk jisbankax l-flus l-ewwel mic-cedola ta' depozitu numru 428/2011 prezentata fis-6 ta' April 2011 minn

HSBC Bank Malta plc (fol. 51) u wara mic-cedola ta’ depozitu 416/2011 prezentata mill-Bank of Valletta plc. Li hu zgur hu li f’dan il-kaz m’hemmx bizzejjed flus, depozitati bic-cedola 428/2011, biex jaghmlu tajjeb ghall-kreditu tieghu.”

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` HSBC Bank Malta plc li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

“… … tvarja s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta’ Settembru 2013, fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc v. Crown Hotels Limited** (Rikors Numru 565/2010) billi:

“(i) Tipprovdi illi l-ewwel preljev ghandu jkun mis-socjeta` HSBC Bank Malta plc ghall-(a) ispejjez gudizzjarji kollha minnha inkorsi fis-subbasta numru 128/07 fl-istess ismijiet kif ukoll l-ispejjez kollha tal-Konkors ta’ Kredituri li wassal ghas-sentenza moghtija fis-26 ta’ Settembru 2013, u li jkun biss wara li jikkonkorri d-Direttur Generali (Taxxi Interni), kif ukoll;

“(ii) Fejn l-ewwel Onorabbli Qorti Irriteniet illi d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghandu privilegg fuq il-prezz tas-subbasta rikavat mill-immobbli, dan jigi kollu mhassar u li din l-Onorabbli Qorti tirritjeni li l-prezz rikavat mill-immobbli mibjugh ikun soggett ghall-istess pozjorita`, priorita u preferenza li ma kinitx tezisti fuq l-immobbli li nbiegh qabel il-bejgh in subbasta li wassal ghall-istess prezz, bl-ispejjez ta’ din il-kawza in prim istanza u ta’ dan l-appell jigu sopportati mill-istess Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u/jew Direttur Generali (Taxxi Interni); u

“(iii) Illi d-Direttur Generali (Taxxi Interni) ma ghamel xejn biex jibda jigi inkors imghax fuq it-taxxa dovuta u ghalhekk ma jgawdix imghax fuq dan il-kreditu. Il-ligi ittieh taxxa addizjonali u din ma hix privileggjata.”

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali tat-Taxxi Interni li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

> "… … ghar-ragunijiet suesposti, tichad in toto l-appell tas-socjeta` appellanti HSBC Bank Malta plc u kwindi joghgobha tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Settembru 2013 fl-ismijiet: "HSBC Bank Malta plc vs Crown Hotels Limited" rikors numru 565/2010 AE.
>
> "Bl-ispejjez ta' din il-kawza in prim istanza u ta' dan l-appell jigu sapportati mill-Bank appellanti."

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

> "… … ghar-ragunijiet suesposti, tichad in toto l-appell tas-socjeta` appellanti HSBC Bank Malta plc u kwindi joghgobha tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Settembru 2013 fl-ismijiet "HSBC Bank Malta plc vs Crown Hotels Limited" rikors numru 565/2010 AE.
>
> "Bl-ispejjez ta' din il-kawza in prim'istanza u ta' dan l-appell jigu sapportati mill-Bank appellant."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi dawn huma proceduri ta’ konkors minn erba’ kredituri konkorrenti fuq ir-rikavat mill-bejgh tal-proprjeta` mmobbli ta’ Crown Hotels Ltd.

Trattat l-ewwel aggravju tal-HSBC Bank Malta plc, tara li l-bank ghandu ragun meta jghid li fl-ewwel grad il-Bank ghandu jithallas l-ispejjez gudizzjarji li huma privileggjati skont il-ligi. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Aquilina v. Camilleri** deciza fit-22 ta’ Mejju 1950:

> *“… l-ispejjez privileggjati, f’materja ta’ konkors bejn diversi kredituri, huma dawk li jsiru fl-utilita` komuni tal-kredituri kollha, bhalma huma dawk inkorsi biex il-haga li fuqha jikkonkorru l-kredituri tigi prodotta fil-vantagg ta’ kulhadd (Vol. XXXIV 1. 366)”*

F’dan il-kaz kien il-bank appellant illi otjena t-titolu ezekuttiv in forza ta’ ittra ufficjali li rendiet ezekuttiv kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu u sussegwentement tella’ fis-subbasta numru 128/07 l-immobbli li nbiegh, u li r-rikavat tieghu huwa l-meritu ta’ dawn il-proceduri. Dan kollu sar fl-interess tal-kredituri kollha, u l-konkorrenti approffittaw ruhhom minn dawn il-proceduri u xehtu l-pretensjoni taghhom ghall-hlas mir-rikavat tal-bejgh. Il-privilegg legali jestendi ghall-ispejjez li jkunu saru *“nello interesse commune dei creditori”* (**Bugeja et v. Monreal noe**, deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta’ April 1886), u allura l-bank rikorrent irid l-ewwel jigi awtorizzat jirtira dawn l-ispejjez gudizzjarji qabel kull konkorrent. Dawn l-ispejjez, kif jirrizulta minn taxxa

ufficjali esebita fl-atti, jammontaw ghal tlieta u ghoxrin elf, mitejn, sebgha u tletin Euro u seba' centezmi [€23,237.07]. Hija din is-somma li l-HSBC Bank Malta plc ghandu dritt jirtira qabel kulhadd.

Fil-kuntest tat-tieni aggravju, dwar id-dritt tal-erarju li jithallas qabel il-kredituri l-ohra, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **Konkors ta' kredituri ta' Testing Ltd**, sentenza li kienet giet konfermata minn din il-Qorti fit-3 ta' Marzu 2006, kienet osservat li l-kreditu pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni:

> *"… huwa wiehed ta' natura fiskali u fit-termini tal-Artikolu 23(8) tal-Att XVIII tas-sena 1994 jinsab privileggjat "… … u ghandu jithallas wara (il-pagi tal-impjegati u t-talbiet tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali)* ***bi preferenza ghall-pretensjonijiet l-ohra kollha*** *sew privileggjati jew ipotekarji" (enfasi tal-Qorti)."*

Aktar ricentement, din il-Qorti fil-kaz **Konkors ta' Kredituri ta' Carmelo Gauci Ltd** deciz fis-27 ta' Frar 2009 ghamlet dawn l-osservazzjonijiet fuq il-materja:

> *"Din il-Qorti studjat bir-reqqa l-artikolu tal-ligi in kwistjoni u ssib li, sa certu punt, iz-zewg partijiet qed jghidu affarijiet li ghandhom mis-sewwa, u affarijiet li, min-naha l-ohra, huma zbaljati.*

> *"Fl-ewwel parti tieghu dan l-artikolu jaghti "privilegg specjali" lill-Kummissarju (u mhux "jedd ta' privilegg" kif jinghad f'legislazzjonijiet ohra), u fl-ordinament guridiku Malti jezisti tip wiehed biss ta' privilegg specjali, u dan huwa dak indikat fl-Artikolu 2001(2) tal-Kodici Civli. Fil-ligijiet fiskali in kwistjoni il-*

*legislatur ma tax xi definizzjoni ta' "privilegg specjali" ghall-finijiet tal-istess ligijiet fiskali, u, ghalhekk, it-tifsira ta' dan il-kuncett irid jittiehed mid-definizzjoni tieghu fil-Kodici Civili li, sakemm mhux eskluz, japplika b'mod generali. Hu interessanti wkoll li jigi notat illi dan il-"privilegg specjali" ma nghatax fuq il-beni kollha ta' kull xorta tad-debitur, f'liema kaz kien jehtig li jkun deskritt bhala privilegg "generali" skond l-Artikolu 2001(1) tal-Kodici Civli, izda, fuq proprjeta` "partikolari" fit-termini tad-definizzjoni ta' privilegg specjali fil-Kodici Civili, u cioe`, fuq "l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita` ekonomika ta' persuna". Dan ikompli juri l-hsieb tal-legislatur li jorbot dan il-privilegg ma' dak trattat fil-Kodici Civili.*

*"Issa, fil-waqt li l-privilegg specjali fuq hwejjeg mobbli, mhux mehtieg li jigi registrat (Artikolu 2032 tal-Kodici Civili), il-privileggi specjali fuq l-immobbli m'ghandhomx effett "jekk ma jigux imnizzlin fir-Registru Pubbliku" (Artikolu 2029). Dan hu hekk ghax privilegg specjali fuq immobbli hu munit b'diritto di seguito (Artikolu 2002(2)), b'mod li jibqa' jaghti titolu ta' preferenza u jedd fuq il-proprjeta` anke jekk dik il-proprjeta` tghaddi ghand persuni ohra. Din ir-registrazzjoni hija mehtiega fl-interess tat-terzi, ghax terz li jkun se jixtri proprjeta` partikolari huwa intitolat li jkun jaf jekk dik il-proprjeta` hijiex qed taghmel tajjeb ghal dejn ta' xi hadd iehor. Ghalhekk hu importanti li dan il-privilegg specjali jigi registrat b'referenza espressa ghall-proprjeta` immobbli kolpita, u dan kif jiddisponi l-Artikolu 7 tal-Att dwar ir-Registru Pubbliku (Kap. 56 tal-Ligijiet ta' Malta). Registrazzjoni ta' privilegg specjali semplicement "fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita` ekonomika" tad-debitur ma tistax titqies valida ghax il-privilegg irid jolqot proprjeta` immobbli partikolari, bl-indikazzjoni tal-immobbli tkun skond l-Artikolu 7 tal-Att indikat. Fin-nuqqas ta' tali registrazzjoni, maghmula kif trid il-ligi, ma jistax jinghad li l-privilegg specjali jolqot xi proprjeta` immobbli. Fis-sistema legali taghna, ma hux koncepit "privilegg specjali" fuq immobbli mhux registrat, aktar u aktar meta tqis li skond il-ligi, il-privileggi specjali fuq l-immobbli huma, f'kull kaz, muniti bid-diritto di seguito.*

*"Sa hawn, din il-Qorti, taqbel mat-tezi tal-HSBC Bank Malta plc u abbraccjata mill-ewwel Qorti. L-Artikolu 62 tal-Kap. 406, pero`, jinqasam f'zewg partijiet, u din il-Qorti ma taqbilx mal-mod kif l-ewwel Qorti interpretat it-tieni parti ta' dan l-artikolu. L-ewwel Qorti qablet mal-perit legali fejn dan qal a fol. 526:*

*""Barra minn hekk, l-Artikolu 62 jista' jinghad li jinqasam f'zewg aspetti, fl-ewwel parti jigi stabbilit il-privilegg specjali filwaqt li fit-tieni parti jigi stabbilit illi dan il-privilegg specjali jiggradwa bi preferenza, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi ligi*

*ohra fuq dejn privileggjat iehor. Jidher ghalhekk illi l-kwalifika li hemm fl-Artikolu 62 li biha kwalunkwe ligi ohra ghandha tigi sottratta ghall-gradwazzjoni kontemplata fl-Art. 62, hija limitata ghall-kwistjoni ta' gradwazzjoni diment li jigi determinat illi dak il-kreditu huwa munit bil-privilegg specjali". (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*"Din il-Qorti ma taqbilx mal-partijiet minnha sottolineati, peress li l-ligi ma tghidx li l-privilegg specjali jiggradwa bi preferenza, izda li "t-taxxa msemmija ghandha tithallas" bi preferenza, u lanqas ma tassoggetta l-preferenza tal-hlas ghad-determinazzjoni illi l-kreditu huwa munit bi privilegg specjali. Kif intqal mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza* ***Zammit v. Caruana noe****, deciza fit-8 ta' Jannar, 1958, il-kreditu u l-privilegg huma separati minn xulxin: il-kreditu huwa haga, u l-privilegg huwa hag'ohra. Ghalkemm il-privilegg ma jistax jissussisti minghajr il-kreditu, il-kreditu jista' jissussisti indipendentement mill-privilegg. F'dan il-kuntest dan ifisser illi n-nuqqas tal-Kummissarju tal-VAT li jirregistra l-privilegg ma jestingwix il-kreditu, u skond l-Artikolu 62, dan il-kreditu ghandu jithallas "bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor".*

*"Bil-privilegg specjali, debitament registrat, il-Kummissarju tal-VAT ikun jista' jinforza l-kreditu tieghu fuq dik il-proprjeta` immobbli partikolari, f'idejn min tkun. Jekk ma jirregistrax ipoteka specjali, allura jrid jissodisfa ruhu mill-assi li jkollu d-debitur, b'dan, pero`, li anke jekk dawk l-assi jkunu milquta b'xi privilegg, il-Kummissarju jithallas l-ewwel (hlief kif jiddisponi l-istess Artikolu 62).*

*"Il-frazi "minkejja kull ma jista' jinsab f'xi ligi ohra" tinsab, fil-fatt, fit-tieni parti ta' din il-klawsola, u fil-waqt li mhux qed tirreferi ghall-"privilegg specjali" imsemmi fl-ewwel parti, tikkwalifika l-hlas tat-taxxa li, f'kull kaz mill-assi tad-debitur, ghandha ssir bi preferenza fuq kull dejn iehor, hemm x'hemm f'ligijiet ohra.*

*"Ghalhekk, f'dan il-kaz, la darba l-flus garantiti mill-bank ghall-fini ta' dawn il-proceduri, huma r-rikavat mill-bejgh tal-assi tal-kumpanija debitrici, it-taxxa dovuta ghandha tithallas bi preferenza u qabel kull dejn iehor bhal dak tal-bank konkorrent."*

Din hi l-pozizzjoni li din il-Qorti ghada zzomm sal-lum u kwindi ma taqbilx mal-ewwel Qorti sa fejn iddikjarat ruhha kontra dan it-taghlim. Min-naha l-ohra, l-ewwel Qorti waslet ghall-istess konkluzjoni li kienet tasal ghalih kieku abbraccjat dan il-hsieb, izda a bazi ta' motivazzjoni differenti, li din il-Qorti mhux necessarjament taqbel mieghu. Kwindi, din il-Qorti taccetta l-gradwazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti, salv dak li inghad qabel dwar spejjez privileggjati, ghalkemm mhux necessarjament ghall-istess ragunijiet.

Dwar it-tielet aggravju tal-bank appellant, din il-Qorti taqbel fil-principju li d-dritt ta' preferenza tad-Direttur Generali appellat hu fuq taxxa piu` imghax u mhux fuq hlassijiet ohra li jistghu jkunu dovuti.

It-taxxa u bolla addizzjonali reklamata mid-Direttur Generali tat-Taxxi Interni hija pero` "taxxa" li hi wkoll privileggjata, u l-unika pretensjoni mhux preferuta kif osservat l-ewwel Qorti hija t-talba tad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-penali ta' erbat elef, hames mija, hamsa u erbghin Euro u wiehed u sebghin centezmi (€4,545.71) li ghaliha, allura jigradwa pari passu mal-kredituri ordinarji. Ma sarx appell mill-konkluzjonijiet l-ohra tal-ewwel Qorti, partikolarment fuq iz-zmien tat-taxxa privileggjata, li allura jaghmlu stat anke ghal din il-Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-HSBC Bank Malta plc billi tilqa' l-istess biss in parte, u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tordna li l-gradwazzjoni li ghandha tirrizulta f'dan il-kaz hija s-segwenti:

**L-ewwel grad:** HSBC Bank Malta plc ghall-ispejjez gudizzjari ammontanti ghall-tlieta u ghoxrin elf, mitejn, sebgha u tletin Euro u seba' centezmi (€23,237.07);

**Tieni grad:** Direttur Generali tat-Taxxa Interni fis-somma ta' tliet mija, wiehed u ghoxrin elf u mitt Euro (€321,100) ghas-snin 2002 sa 2009, bl-imghax;

**Tielet grad:** Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghas-somma ta' wiehed u hamsin elf, tmien mija, wiehed u erbghin Euro u disgha u sittin centezmi (€51,841.69), bl-imghax ghal perjodu mill-1 ta' Gunju 2006, sal-1 ta' Settembru 2011;

**Raba' grad:** HSBC Bank Malta plc ghal-tliet miljun, tliet mija, tnejn u sebghin elf, tmien mija sitta u ghoxrin Euro u disgha u hamsin centezmi (€3,372,826.59) kapital, u miljun, hames mija tlieta u hamsin elf, erba' mija, wiehed u sittin Euro u tmienja u tletin centezmi (€1,553,461.38) imghax sat-30 ta' Dicembru 2011;

**Hames grad:** Simonds Farsons Cisk plc, u Diretturi Generali tat-Taxxa Interni u tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ghall-kumplament tal-krediti taghhom, pari passu.

L-ispejjez kollha in prim istanza jithallsu kif ordnat l-ewwel Qorti, waqt li dawk marbuta ma' din it-tieni istanza jthallsu zewg terzi ($^{2}/_{3}$) mill-HSBC Bank Malta plc, u terz ($^{1}/_{3}$) mid-Direttur Generali tat-Taxxi Interni u Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, in solidum bejniethom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------